MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 553/2007

**Marisa Xuereb (ID No 408078 M), fil-kapacita' taghha ta' Chairperson tal-Kunsill Ezekuttiv tal-Mosta Technopark Tenants Association, in rapprezentanza ta' Mosta Technopark Tenants Association, kif debitament awtorizzata**

**vs**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Limited (C 23047)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tlett elef, erba' mija, wiehed u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmi (*€3491*.73) *ossia* (Lm1499).

Peress illi s-socjeta' konvenuta hija membru tal-Mosta Technopark Tenants Association, minhabba illi hija tikri mill-Malta Industrial Parks, il-fabbrika sitwata gewwa l-

Mosta Technopark, kif indikat fl-ittra mahruga mill-Malta Industrial Parks, datata 21 ta’ Gunju, 2007, l-istess socjeta’ konvenuta qed tigi mitluba thallas is-somma komplessiva ta’ €3491.73 rapprezentanti *‘service’ charge*, ghal perjodu bejn 1 ta’ Jannar, 2007 sal-31 ta’ Marzu, 2007 u dan skond *invoice* datata 31 ta’ Dicembru, 2007, ghalkemm is-somma ta’ dan l-avviz giet ridotta ghal finijiet ta’ gurisdizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficcjali tat-23 ta’ April, 2007, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat (numru 710/07), qabel dan l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta, li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu, fl-14 ta’ Jannar, 2008, mill-Avukat Veronica Vella u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta` konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------